IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2012
COM(2012) 662 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Kontribuzzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE) għall-implimentazzjoni ta' obbligi, impenji u inizjattivi eżistenti tal-Istati Membri jew l-UE fil-livell internazzjonali jew tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali fl-ilmijiet tal-baħar

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Kontribuzzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE) għall-implimentazzjoni ta' obbligi, impenji u inizjattivi eżistenti tal-Istati Membri jew l-UE fil-livell internazzjonali jew tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali fl-ilmijiet tal-baħar

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (minn hawn 'il quddiem Id-Direttiva dwar il-Baħar jew l-MFSD)[1] għandha l-għan li sal-2020 tikseb Status Ambjentali Tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar tal-UE u li tipproteġi l-bażi tar-riżorsi li fuqha jiddependu attivitajiet ekonomiċi u soċjali relatati mal-baħar. L-istatus ambjentali se jkun ivvalutat abbażi ta' 11-il deskrittur kwalitattiv[2], rigward l-istat ambjentali, il-pressjonijiet u l-impatti fuq l-ekosistemi tal-baħar, u għandu jinkiseb status tajjeb permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija għall-ilmijiet tal-baħar f'kull Stat Membru, li tindirizza l-impatti u l-pressjonijiet kollha li jaffettwaw l-ambjent tal-baħar. Iż-żieda fil-kooperazzjoni transfruntiera fir-reġjuni u s-subreġjuni tal-baħar tinsab ukoll fil-qofol tad-Direttiva dwar il-Baħar.

Dan ir-rapport għandu l-għan li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 20 (2) tal-MFSD: li jevalwa l-kontribuzzjoni tad-Direttiva fl-implimentazzjoni tal-obbligi, l-impenji u l-inizjattivi eżistenti tal-Istati Membri jew tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali fl-ilmijiet tal-baħar. Filwaqt li hu rikonoxxut li wħud minn dawn l-obbligi, l-impenji u l-inizjattivi jikkostitwixxu obbligi li joriġinaw minn ftehimiet internazzjonali, dawn il-fergħat varji se jiġu indirizzati taħt it-terminu 'impenji' għall-fini ta' dan ir-rapport.

Id-Direttiva dwar il-Baħar tittrasferixxi għadd kbir ħafna ta' impenji internazzjonali u tal-UE relatati mal-protezzjoni ambjentali fl-ambjent tal-baħar lill-ordni legali tal-Unjoni. Għandha rwol importanti wkoll li ssaħħaħ il-koerenza tal-azzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha skont ftehimiet internazzjonali.

Il-firxa sħiħa ta' dawn l-impenji ġiet analizzata fil-fond fl-istudju "Study on the contribution of the Marine Strategy Framework Directive to existing international obligations" (Studju dwar il-kontribut tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina għal obbligi eżistenti) "[3]. Dan ir-rapport jagħmel enfasi fuq il-kontribuzzjoni tal-MSFD għall-prinċipji essenzjali

---

1 Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008

2 Il-11-il deskrittur huma 1. Tinżamm il-bijodiversità; 2. L-ispeċijiet li mhumiex indiġeni ma jaffettwawx l-ekosistema b'mod negattiv; 3. Il-popolazzjonijiet ta' speċijiet ta' ħut kummerċjali huma b'saħħithom; 4. L-elementi ta' sistemi alimentari jiżguraw abbundanza u riproduzzjoni fit-tul; 5. L-ewtrofikazzjoni tiġi minimizzata; 6. L-integrità ta' qiegħ il-baħar tiżgura l-funzjonament tal-ekosistema; 7. L-alterazzjoni permanenti tal-kundizzjonijiet idrografiċi ma ma tolqotx b'mod ħażin l-ekosistema; 8. Il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti ma jkollhom l-ebda effett; 9. Il-kontaminanti fl-ikel tal-baħar jinsabu f'livelli siguri; 10. Il-ħmieġ fil-baħar ma jikkawżax ħsara; 11. L-introduzzjoni tal-enerġija, (inkluż storbju ta' taħt il-baħar), ma tolqotx ħażin l-ekosistema.

3 http://ec.europa.eu/environment/marine/

stabbiliti fuq livell internazzjonali, għal ċerti impenji internazzjonali ewlenin, inkluż il-Konvenzjonijiet Reġjonali tal-Baħar u għall-politiki ewlenin tal-UE.

2. PRINĊIPJI ĠENERALI TAL-POLITIKA AMBJENTALI U TAL-BAĦAR

Ċerti prinċipji ambjentali ġenerali li ntlaħaq ftehim dwarhom fuq livell internazzjonali, bħal dawk tad-Dikjarazzjoni ta' Rio[4] huma riflessi fl-MSFD, fejn huwa relevanti. Dawn huma affermati mill-ġdid fid-dokument ta' eżitu ta' Rio+20 "The Future we want" (Il-Futur li nixtiequ) [5].

2.1. L-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema jinsab fil-qofol tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina

L-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-ambjent tal-baħar huwa karatteristika essenzjali tal-MSFD. Ma hemm l-ebda definizzjoni unika tal-approċċ li ntlaħaq qbil dwaru fuq livell internazzjonali, iżda l-għan inġenerali tiegħu huwa li jiżgura li l-pressjonijiet kollettivi tal-attivitajiet umani ma jaqbżux livelli li jikkompromettu l-kapaċità tal-ekosistemi biex dawn jirreaġixxu.

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità Bijoloġika (CBD) (id-Deċiżjonijiet tal-COP V/6 u VII/5), u l-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg (JPoI) pereżempju, jinkludu rekwiżiti espliċiti, affermati mill-ġdid fil-konferenza Rio+20, biex jadottaw jew isegwu approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni ta' attivitajiet umani li jaffettwaw l-ambjent tal-baħar.

Id-Direttiva dwar il-Baħar ma tirreferix biss b'mod espliċitu għall-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-ambjent tal-baħar bħala prinċipju gwida (il-Premessi 8 u 44), iżda teħtieġ ukoll li tiġi applikata fi strateġiji tal-baħar (l-Artikoli 1 u 3). Għalhekk, bis-saħħa tal-MSFD, l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema jsir prinċipju legalment vinkolanti għall-ġestjoni tal-ambjent tal-baħar.

2.2. L-integrazzjoni ta' thassib ambjentali f'politiki oħra, u l-ġestjoni transsettorjali integrata tal-ilmijiet tal-baħar

Il-bżonn biex jiġu integrati objettivi ta' protezzjoni ambjentali f'attivitajiet soċjoekonomiċi u politiki oħra, flimkien man-neċessità ta' ġestjoni tal-ambjent tal-baħar u żoni kostali b'mod integrat, ħafna drabi jiġu enfasizzati fi strumenti internazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti b'mod partikulari huma inklużi fl-impenji tal-Aġenda 21[6], fid-Deċiżjonijiet tas-CBD, u kkonfermati fid-dokument ta' eżitu ta' RIO+20. Dan huwa prinċipju fundamentali tal-politika ambjentali tal-UE enfasizzat fit-TFUE[7] L-MFSD, b'mod espliċitu tagħmel dan l-approċċ wieħed mill-objettivi tagħha (l-Artikolu 1(4)).

---

4 Id-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, mill-Konferenza tal-1992 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (UNCED), ipproklamat 27 prinċipju fundamentali maħsuba biex iservu ta' gwida għal deċiżjonijiet u politiki futuri rigward l-implikazzjonijiet ambjentali tal-iżvilupp soċjoekonomiku.

5 A/CONF.216/L.1

6 L-Aġenda 21 huwa pjan dettaljat mhux vinkolanti u pjan ta' azzjoni globali għall-iżvilupp sostenibbli, li ntlaħaq ftehim dwaru fl-UNCED tal-1992 http://www.un.org/esa/dsd/agenda21/

7 L-Artikolu 11 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

Fil-livell internazzjonali ġew avvanzati għodod speċifiċi għall-ġestjoni transsettorjali integrata tal-ilmijiet tal-baħar. L-approċċ ta' Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM) ġie żviluppat bħala għodda ta' ġestjoni għaż-żoni kostali. Ir-rekwiżit għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-ICZM jinsab inkluż b'mod espliċitu fl-Aġenda 21, u fil-Protokoll dwar l-ICZM tal-Konvenzjoni ta' Barċellona. Il-proċess tal-Ippjanar Spazjali tal-Ibħra (MSP) huwa għodda oħra kumplimentari biex jindirizza l-użi kompetittivi fuq il-baħar waqt li jiżgura l-protezzjoni tal-ambjent, li ġie żviluppat u promoss fil-livell internazzjonali dan l-aħħar (inkluż fid-Deċiżjoni tal-COP X/29 tas-CBD) u li qed jiġi żviluppat fil-kuntest tal-Politika Marittima Integrata tal-UE (PMI).

Billi tqis l-impatti kumulattivi inġenerali, aktar milli tirregola l-użi speċifiċi f'iżolament, id-Direttiva dwar il-Baħar tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-ilmijiet tal-baħar. Id-Direttiva titlob li l-Istat Membri jinkludu miżuri ta' kontrolli ta' distribuzzjoni temporali u spazjali fil-programm ta' miżuri tagħhom (l-Anness VI), bħall-ICZM u l-MSP.

2.3. Il-prinċipju tal-prekawzjoni u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas fl-ambjent tal-baħar

Il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" huma żewġ prinċipji fundamentali tal-politika tal-protezzjoni ambjentali u t-tnejn għandhom bażi fit-TFUE[8] It-tnejn huma inklużi f'għadd ta' strumenti internazzjonali li jittrattaw kwistjonijiet ambjentali u ilhom jissemmew ukoll b'mod speċifiku fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mill-Aġenda 21 (il-kapitolu 17.22), u s-CBD (id-Deċiżjonijiet tal-COP IV/5 u VIII/24).

F'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, iż-żewġ prinċipji huma inklużi fid-Direttiva dwar il-Baħar, bħala prinċipji ta' gwida għall-implimentazzjoni tagħha, fil-premessi 27 u 44. B'mod partikulari huma bażi għall-programmi ta' miżuri li l-Istati Membri jridu jiżviluppaw biex jiżguraw li l-ilmijiet tal-baħar tagħhom jilħqu Status Ambjentali Tajjeb.

2.4. Ġestjoni tal-adattament ibbażata fuq l-għarfien u l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni pubblika

Il-bżonn għal ġestjoni tal-adattament ibbażata fuq l-għarfien huwa wkoll prinċipju ewlieni indirizzat f'ħafna obbligi internazzjonali[9] Fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, fejn għad hemm ħafna inċertezzi, dan il-bżonn huwa ta' importanza partikulari.

Billi titlob valutazzjoni inizjali (l-Artikolu 8) u programmi ta' monitoraġġ (l-Artikolu 11), l-MSFD tikkontribwixxi għar-reviżjoni globali tal-istat tal-ambjent tal-baħar. Barra minn hekk, id-Direttiva tiżgura li l-bażi tal-għarfien stabbilita b'dan il-mod tinforma miżuri ta' ġestjoni sussegwenti billi titlob li l-miri ambjentali (l-Artikolu 10) u l-programmi ta' miżuri (l-Artikolu 13) jkunu bbażati fuq il-valutazzjoni inizjali. Dan iwassal għall-kunċett ta' ġestjoni tal-adattament, espliċitu fl-MSFD (l-Artikolu 3 (5)), li jitlob aġġornament tal-istrateġiji tal-baħar f'ċiklu ta' sitt snin.

Dan l-approċċ huwa kompletament koerenti mal-impenn għall-iżvilupp ta' Proċess Regolari tan-NU għar-rappurtar u l-valutazzjoni globali tal-istat tal-ambjent tal-baħar, li jappoġġja tali ġestjoni tal-adattament ibbażata fuq l-għarfien.

---

[8] L-Artikolu 191 tat-TFUE.

[9] L-Aġenda 21, is-CBD, il-Proċess Regolari tan-NU jippromwovu ġestjoni tal-adattament, u ħafna Konvenzjonijiet Marittimi Reġjonali irriflettew dan l-approċċ fl-istrumenti tagħhom.

L-aċċess għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni pubblika u l-edukazzjoni huma wkoll prinċipji ġenerali promossi fil-livell internazzjonali f'impenji ambjentali. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus[10], b'mod partikulari, huwa ftehim internazzjonali speċifiku li jwassal biex dan il-prinċipju ta' Rio jkun jista' jopera. Id-Direttiva dwar il-Baħar tinkludi rekwiżiti speċifiċi u espliċiti (l-Artikolu 19 u l-Anness VI (8)) u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji.

3. TRATTATI INTERNAZZJONALI EWLENIN U FTEHIMIET AMBJENTALI MULTILATERALI

Lil hinn minn dawn il-prinċipji ambjentali ġenerali, id-Direttiva dwar il-Baħar twettaq għadd ġdid ta' impenji aktar speċifiċi meħuda mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali u ftehimiet internazzjonali oħra parti mill-ordni legali tal-UE għall-ilmijiet tal-baħar.

3.1. UNCLOS u IMO

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) tistipula r-responsabbiltajiet u d-drittijiet tan-nazzjonijiet fir-rigward tal-ibħra u l-oċeani u tinkludi għadd ta' obbligi fir-rigward tal-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar. Dawn ikopru, pereżempju, id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istat tal-ambjent tal-baħar, il-prevenzjoni tat-tniġġis fuq il-baħar u r-rekwiżiti għall-kooperazzjoni fuq livell globali u fuq livell reġjonali. Id-Direttiva dwar il-Baħar tirrikonoxxi u tqis fis-sħiħ l-obbligi skont UNCLOS[11] Barra minn hekk, fl-ambitu ġeografiku tagħha, id-Direttiva tittraduċi r-rekwiżit tal-UNCLOS għall-Istati, sabiex dawn josservaw u jkejlu r-riskji jew l-effetti tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar[12] Id-Direttiva timplimenta wkoll obbligi oħra varji li jitolbu lill-Istati biex jieħdu miżuri biex jipprevjenu, inaqqsu u jikkontrollaw it-tniġġis tal-ambjent tal-baħar minn sorsi bbażati fuq l-art, biex jipprevjenu t-tniġġis ta' qiegħ il-baħar u tas-sottoswol u biex jipprevjenu l-introduzzjoni ta' speċijiet li mhumiex indiġeni. L-MSFD tittraduċi wkoll id-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS fir-rigward tas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli , l-innovazzjoni u l-investiment fir-riċerka. L-aħħar u mhux l-anqas, tiffaċilita l-obbligu tal-Istati skont UNCLOS biex jikkooperaw biex jipproteġu l-ambjent tal-baħar, permezz tal-enfażi tagħha fuq il-kooperazzjoni reġjonali[13]

Ċerti dispożizzjonijiet tal-UNCLOS, speċjalment dawk dwar it-tnaqqis tat-tniġġis mis-sors u dwar l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali huma indirizzati wkoll permezz ta' leġiżlazzjoni lil hinn mill-MSFD, bħad-Direttiva dwar l-IPPC[14] u d-Direttivi dwar il-VIA u l-VAS[15]

L-istess jista' jingħad għar-regoli tal-IMO, bħal dawk skont MARPOL[16] kif modifikati mill-protokoll tagħha tal-1987, jew għall-Konvenzjoni OPRC u l-protokoll tagħha OPRC-HNS[17], iżda wkoll għall-ftehim għall-kooperazzjoni dwar kif jiġi ttrattat it-tniġġis fil-Baħar tat-

---

10 Il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata fl-1998.

11 Ara l-premessa 17 tal-MSFD

12 Ara l-Artikolu 11 u l-Anness V tal-MSFD

13 Ara l-Artikolu 6 tal-MSFD.

14 Id-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġiż 2008/1/EC, OJ L 24, 29.1.2008, p. 8–29

15 Id-Direttivi 2011/92/KE u 2001/42/KE

16 Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL).

17 Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Istat ta' Tħejjija, Reazzjoni u Kooperazzjoni f'każ ta' Tniġġis miż-Żejt u l-Protokoll dwar l-Istat ta' Tħejjija, Reazzjoni u Kooperazzjoni f'każ ta' Inċident ta' Tniġġis u Sustanzi Perikoluż.

Tramuntana miż-żejt u sustanzi ta' ħsara oħra (għalkemm barra l-IMO)[18] Hemm, għadd ta' liġijiet tal-UE li jikkumplimentaw l-MSFD jikkontribwixxu soluzzjonijiet u mekkaniżmi biex jiġu indirizzati l-miri tal-MSFD bħad-Direttiva dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port[19], dwar il-faċilitajiet ta' akkoljenza tal-iskart fil-portijiet tal-UE[20] jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili[21]

3.2. L-MSFD, kontribuzzjoni ewlenija għall-implimentazzjoni ta' impenji internazzjonali rigward il-bijodiversità tal-baħar

Id-Direttiva dwar il-Baħar hija l-ewwel strument leġislattiv tal-UE, li kollu kemm hu huwa relatat b'mod espliċitu mal-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar. Fiha l-objettiv regolatorju speċifiku li "l-bijodiversità hija miżmuma sal-2020", bħala l-bażi biex jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb tal-oċeani u l-ibħra. Għalhekk, flimkien mad-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar il-Ħabitats[22], tipprovdi politika u qafas legali qawwija biex tkun konformi mal-impenji internazzjonali relatati mal-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar, bħal dawk skont is-CBD (imsemmija fil-premessa 18 tal-MSFD), jew il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ fl-Ispeċijiet fil-Periklu.

Barra minn hekk, biex timplimenta l-approċċ tal-ekosistema u l-prinċipju ta' ġestjoni tal-adattament, l-MSFD tindirizza wkoll xi wħud mill-aktar rekwiżiti speċifiċi tas-CBD, bħal pereżempju l-istabbiliment taż-Żoni Marittimi Protetti (MPAs), li l-Istati Membri jridu jinkludu fl-istrateġiji tal-baħar tagħhom, bħala parti mill-approċċ ġenerali biex jipproteġu l-ambjent tal-baħar. Barra minn hekk, id-Direttiva se tgħaqqad dawn l-MPAs li ġew stabbiliti skont varjetà ta' obbligi internazzjonali u tal-UE oħra f'qafas wieħed: netwerk koerenti u rappreżentattiv ta' MPAs (ara taħt il-punt 5).

3.3. Ir-rabta ma' impenji internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima

Id-Direttiva dwar il-Baħar għandha x'taqsam mal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-oċeani u, b'hekk, tikkontribwixxi indirettament għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCC) u strumenti oħra li jittrattaw din il-kwistjoni.

L-MSFD issaħħaħ l-għarfien tal-impatti klimatiċi fuq l-ambjent tal-baħar. Hija titlob lill-Istati Membri biex fil-valutazzjonijiet inizjali tagħhom iqisu diversi fatturi relatati mal-klima bħall-bidliet fit-temperatura tal-baħar u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u tal-għata tas-silġ.

L-istrateġiji tal-baħar tal-Istati Membri skont l-MSFD jistgħu jindirizzaw ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima. Billi l-pressjonijiet u l-impatti jistgħu jvarjaw skont ix-xejriet differenti tal-attività tal-bniedem u l-impatt tat-tibdil fil-klima, jista' jagħti l-każ li maż-żmien ikollha tiġi adattata d-determinazzjoni ta' Status Ambjentali Tajjeb[23]

Fl-aħħar nett, l-oċeani b'saħħithom għandhom rwol importanti ta' mitigazzjoni, bħala bjar tal-karbonju. Iż-żona tal-baħar tista' tintuża għal skopijiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija

---

18 Ftehim għall-kooperazzjoni fit-trattament tat-tniġġis fil-Baħar tat-Tramuntana miż-żejt u sustanzi oħra perikoluż.

19 Id-Direttiva 2009/16/KE, ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57-100.

20 Id-Direttiva 2000/59/KE, ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81-90, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008

21 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom (imfassla mill-ġdid)

22 Id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u d-Direttiva dwar l-Għasafar ikkodifikata 2009/147/KE, ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25.

23 Il-Premessa 34.

rinnovabbli, u l-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS). Dawn huma attivitajiet umani li l-pressjonijiet u l-impatti tagħhom għandhom jiġu ġestiti fil-kuntest tad-Direttiva.

4. L-IRWOL EWLIENI TAL-KONVENZJONIJIET DWAR L-IBĦRA REĠJONALI

Erba' Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali (RSCs) ikopru l-ilmijiet tal-baħar tal-MSFD: il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Grigal tal-Atlantiku (OSPAR), il-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (HELCOM), il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin u ż-Żona Kostali tal-Mediterran (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed kontra t-Tniġġis (il-Konvenzjoni ta' Bukarest)[24] Jeżistu ċerti differenzi sinifikanti bejniethom, speċjalment fejn jikkonċerna l-irwol tal-pajjizi mhux membri tal-UE (e.ż. 9 minn 10 partijiet huma Stati Membri tal-UE fil-Baltiku, 7 minn 22 fil-Mediterran).

L-RSCs għandhom l-għan li jtejbu t-tmexxija reġjonali tar-reġjuni tal-baħar u li jsaħħu l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Id-Direttiva dwar il-Baħar tinkludi bosta dispożizzjonijiet bil-għan li jiżguraw li l-implimentazzjoni tagħha mhux biss tikkontribwixxi, iżda wkoll tibni fuq l-attivitajiet tal-konvenzjonijiet, li jkopru r-reġjuni jew is-subreġjuni tal-ibħra tal-UE.

L-Artikolu 6(1), jitlob biċ-ċar lill-Istati Membri biex jużaw strutturi ta' kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali eżistenti, inkluż dawk taħt l-RSCs, biex jiksbu l-koordinazzjoni. Diversi minn dawn il-Konvenzjonijiet qablu espressament li jieħdu l-responsabbiltà li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni reġjonali tal-MSFD. L-Artikolu 6(2) jitlob lill-Istati Membri li jagħmlu kull sforz, waqt li jużaw il-forums internazzjonali rilevanti, inkluż il-mekkaniżmi tal-RSCs, biex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi bil-għan li jistabbilixxu u jimplimentaw strateġiji tal-baħar, u biex, fejn huwa xieraq, jestendu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri kollha inkluż il-pajjiżi mingħajr kosta.

L-MSFD tiżgura li l-RSCs u ftehimiet oħra internazzjonali jitqiesu fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-istrateġiji tal-baħar, u jiżguraw li l-metodoloġiji kollha użati huma konsistenti tul ir-reġjuni u s-subreġjuni tal-baħar u li jitqiesu l-impatti transfruntieri.

Min-naħa l-oħra, id-Direttiva dwar il-Baħar tikkontribwixxi għat-twettiq tal-obbligi u l-impenji importanti tal-UE u l-Istati Membri skont dawn l-RSCs.

Dan jinkludi, pereżempju, l-obbligi biex jittieħdu l-passi kollha possibbli għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis minn sorsi bbażati fil-baħar u fuq l-art, inkluż l-impatt ta' rimi minn sors ta' punt fuq l-ambjent marittimu. L-RSCs integraw ukoll impenji espliċiti biex jadottaw jew isegwu approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-ilmijiet tal-baħar u biex jikkonservaw ir-riżorsi tal-baħar, inkluż obbligi biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' ekosistemi u d-diversità bijoloġika bħar-rekwiżiti għar-regolazzjoni tal-introduzzjoni ta' speċijiet invażivi. Id-Direttiva dwar il-Baħar tadotta dawn l-elementi kollha, għaliex tqishom karatteristiċi essenzjali biex jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb.

L-RSCs jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar l-istat tal-ambjent tal-baħar, dwar l-obbligu tal-Istati biex iwettqu programmi ta' monitoraġġ u riċerka u obbligi ta' rappurtar sussegwenti, li huma integrati fid-Direttiva dwar il-Baħar (ara t-Taqsima 2.4).

[24] Ara l-premessa 19 tal-MSFD

5. L-MSFD U POLITIKI OĦRA RILEVANTI TAL-UE

Ħafna politiki tal-UE jaffettwaw l-ambjent tal-baħar, b'mod partikulari dawk li jittrattaw is-sajd, it-trasport, l-industrija, l-agrikoltura, l-iżvilupp reġjonali, ir-riċerka, l-enerġija, ir-relazzjonijiet esterni, kif ukoll elementi importanti tal-politika ambjentali bħall-ilma. Iżda dawn il-politiki ma tfasslux b'mod speċifiku biex jipproteġu l-ambjent tal-baħar b'mod koordinat. Għalhekk, l-attivitajiet umani li għandhom impatt fuq l-ambjent tal-baħar jiġu indirizzati skont is-settur.

L-MSFD għandha l-għan li tiżgura l-koerenza, il-konsistenza u l-integrazzjoni ta' miżuri meħuda skont strumenti legali oħra varji tal-UE sabiex tissodisfa l-objettiv ewlieni tagħha. Għalhekk, kif stipulat bl-Artikolu 20, meta titqies il-kontribuzzjoni tal-MSFD għall-obbligi u l-impenji internazzjonali, huwa neċessarju li jitqiesu l-obbligi u l-miżuri stipulati minn leġislazzjoni oħra tal-UE fil-livell komunitarju.

Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[25] (WFD) hija marbuta mill-qrib mad-Direttiva dwar il-Baħar. Din id-Direttiva tistipula l-objettiv biex sal-2015 jinkiseb Status Tajjeb għall-ilmijiet kollha ta' taħt l-art u tal-wiċċ, inkluż l-ilmijiet kostali, waqt li tikkumplimenta l-objettiv li jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb skont id-Direttiva dwar il-Baħar. L-azzjonijiet meħuda skont il-WFD se jnaqqsu t-tniġġis tal-baħar u d-dħul ta' nutrijenti minn sorsi bbażati fuq l-art u se jipproteġu l-ekosistemi f'ilmijiet kostali u transizzjonali, li huma postijiet importanti fejn ibid il-ħut għal ħafna speċijiet ta' ħut tal-baħar.

Ir-rekwiżit biex titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) għal proġetti u attivitajiet fl-UE, fuq l-art u fil-baħar huwa stipulat fid-Direttiva 2011/92/UE; jeżistu obbligi simili għat-tħejjija ta' pjanijiet u programmi skont id-Direttiva 2001/42/KE, magħrufa bħala d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS). L-MSFD ma tinkludix espressament ir-rekwiżit biex twettaq VAS għal pjanijiet u programmi li jaffettwaw l-ambjent tal-baħar. Madanakollu, il-VAS tapplika fuq il-merti tagħha, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja[26], dejjem jekk il-kundizzjonijiet tagħha jiġu ssodisfati, b'mod partikulari li l-pjan inkwistjoni jistabbilixxi l-qafas għal żviluppi futuri ta' proġetti. L-istrateġiji tal-baħar jistgħu jkunu suġġetti għal VAS, b'dan ikun jiddependi mill-kontenut tagħhom. Il-programmi ta' miżuri x'aktarx ikollha ssirilhom VAS, billi l-Anness VI tal-MSFD jipprevedi li jistgħu jistabbilixxu l-qafas għal proġetti u attivitajiet futuri.

Barra minn hekk id-Direttiva dwar il-Ħabitats[27](l-Artikolu 6) titlob li titwettaq valutazzjoni xierqa għal kwalunkwe pjan jew proġett li l-aktar li hemm ċans li jkollu effetti sinifikanti fuq iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK) stabbiliti skont id-Direttiva u ż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) stabbiliti skont id-Direttiva dwar l-Għasafar. Billi dawn iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni jikkontribwixxu għaż-Żoni Protetti tal-Baħar stabbiliti skont l-MSFD, normalment tkun meħtieġa valutazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats għall-istrateġiji tal-baħar u l-programmi ta' miżuri għal tali attivitajiet. Dawn il-valutazzjonijiet jistgħu jiġu integrati fil-proċeduri tal-VAS.

L-UE wettqet għadd ta' impenji politiċi ta' livell għoli dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità. Il-mira ewlenija hija li sal-2020 jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-

[25] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma. ĠU L 327 fit-22.12.2000.

[26] Ara l-każijiet C-105/09 u C-295/10.

[27] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

servizzi tal-ekosistemi fl-UE, u li sa fejn huwa possibbli jiġu rrestawrati. Dawn l-objettivi politiċi ġew integrati fl-Istrateġija dwar il-Bijodiversità UE2020[28] u huma spjegati fid-dettall f'miri u azzjonijiet speċifiċi marbuta mal-kisbiet tal-objettiv tad-Direttiva dwar il-Baħar u biċċiet oħra ta' leġislazzjoni tal-UE li jittrattaw il-protezzjoni tal-ispeċijiet f'periklu u l-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut.

L-Istati Membri, skont id-Direttivi dwar il-Ħabitats u dwar l-Għasafar, għandhom jiżguraw status ta' konservazzjoni favorevoli ta' serje ta' ħabitats u speċijiet tal-baħar u status tal-popolazzjoni pożittiv tal-ispeċijiet kollha li jinsabu b'mod naturali fil-baħar inkluż l-ispeċijiet ta' għasafar li jpassu. Żona kbira taż-żoni kostali u tal-baħar tal-UE diġà ġiet magħżula jew se tiġi magħżula bħala siti ta' Natura 2000 skont dawn id-Direttivi. L-MSFD tirrikonoxxi li l-istabbiliment tal-MPAs, inkluż is-siti ta' Natura 2000 magħżula jew li se jintgħażlu skont id-Direttivi dwar il-Ħabitats u dwar l-Għasafar, huma ta' kontribuzzjoni importanti għall-ksib ta' Status Ambjentali Tajjeb u teħtieġ li netwerks ta' MPAs ikunu nklużi fi programmi ta' miżuri tal-istrateġiji tal-baħar (l-Artikolu 13(4)). Barra minn hekk, l-Artikolu 13(4) tal-MSFD jitlob li n-netwerks tal-MPAs ikunu koerenti u rappreżentattivi, u jkopru b'mod adegwat id-diversità tal-ekosistemi kostitwenti, u espressament imur lil hinn min-Natura 2000 billi jestendi tali netwerks għal dawk l-MPAs stabbiliti skont l-RSCs. Barra minn hekk, l-Artikolu 13(5) jiżgura li ssir rabta espliċita bejn l-istabbiliment tal-MPAs u miżuri possibbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). L-MSFD għalhekk taġixxi f'dan il-każ b'mod speċifiku bħala qafas li fih il-miżuri eżistenti jistgħu jiġu integrati u kkumplimentati b'inizjattivi ġodda.

Fir-rigward tar-regolament dwar l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura, il-PKS tistabbilixxi approċċ kollaborattiv għall-ġestjoni tas-sajd kondiviż tal-UE. Ir-riforma proposta tal-PKS fl-2011[29] titlob li l-istokk kollu jkun ogħla mil-livelli li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli u li jitqiesu l-impatti ambjentali tas-sajd. Ir-riforma titlob espressament li jiġu integrati l-objettivi tal-MSFD. Għalhekk id-Direttiva dwar il-Baħar tikkumplimenta l-PKS, u tipprovdi rabta bejn il-politiki tas-sajd u aspetti essenzjali oħra tal-protezzjoni ambjentali (bħall-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-ħabitats u speċijiet assoċjati).

Strumenti leġislattivi varji tal-UE għandhom impatt fuq il-livell ta' tniġġis tal-ambjent tal-baħar aktar 'il quddiem fil-proċess, bħad-Direttiva dwar it-tniġġis ikkawżat min-Nitrati[30], id-Direttiva dwar is-Sustanzi ta' Prijorità[31], u d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[32] L-MSFD tikkumplimenta dawn l-atti partikulari tal-leġislazzjoni tal-UE.

Hemm ukoll rabtiet mill-qrib bejn id-Direttiva dwar il-Baħar u l-politika tal-protezzjoni ċivili tal-UE li tistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fil-livell tal-UE għall-ġestjoni tat-tipi kollha ta' diżastri fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu għall-ġestjoni tad-diżastri, inkluż il-prevenzjoni, it-tħejjija, ir-reazzjoni u l-irkupru[33].

---

28 KUMM(2011) 244 finali. L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020.

29 KUMM(2011) 425 finali. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

30 Id-Direttiva 91/676/KE, ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1-8, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 (ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1–54)

31 Id-Direttiva 2008/105/KE, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84-97.

32 Id-Direttiva 2008/98/KE, ĠU L 312,22.11.2008, p. 3-30

33 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom (imfassla mill-ġdid) li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili.

Id-Direttiva dwar il-Baħar hija wkoll pilastru ambjentali tal-Politika Marittima Integrata (PMI). Il-funzjoni tagħha hija enfasizzata f'firxa ta' żviluppi skont il-PMI, inkluż l-ippjanar spazjali tal-ibħra, l-għarfien tal-baħar u l-istrateġiji reġjonali.

Għaldaqstant, id-Direttiva dwar il-Baħar tagħti direzzjoni u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' diversi obbligi, impenji u inizjattivi fil-livell tal-UE, tiżgura s-sostenibbiltà tagħhom u tikkontribwixxi għall-objettiv ta' koerenza usa' stipulat fl-Artikolu 1(4) tagħha.

6. INĦARSU 'L QUDDIEM: L-MSFD U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-EŻITU TA' RIO+20

Id-dokument ta' eżitu ta' Rio+20, "The Future We Want", jirrifletti għadd ta' kunċetti li jinsabu fid-Direttiva dwar il-Baħar. Id-dokument jinvolvi l-impenn rigward il-protezzjoni u r-restawr tas-saħħa, il-produttività u r-reżiljenza tal-oċeani u l-ekosistemi tal-baħar, u biex tinżamm il-bijodiversità tagħhom, u b'hekk jippermetti l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tagħhom għall-ġenerazzjonijiet tal-preżent u tal-futur. Jisħaq fuq il-bżonn li jiġi applikat approċċ ta' ekosistema u l-approċċ ta' prekawzjoni fil-ġestjoni ta' attivitajiet li għandhom impatt fuq l-ambjent tal-baħar. Id-dokument jinkludi wkoll impenji speċifiċi, inkluż il-bżonn ta' strateġiji koordinati biex jiġi miġġieled it-tniġġis, biex tittieħed azzjoni sabiex sal-2025 jitnaqqas ir-residwu tal-baħar, jew biex tittieħed azzjoni rigward speċijiet invażivi. L-MSFD se tkun waħda mill-politiki ewlenin tal-UE li timplimenta l-impenji tal-baħar ta' Rio+20 fl-UE.

F'Rio, deċiżjoni ewlenija kienet li tiġi indirizzata wkoll, fuq bażi urġenti, il-kwistjoni tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar, lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, inkluż permezz tat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-iżvilupp ta' strument internazzjonali skont l-UNCLOS. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, għandu jitqies il-bżonn taż-żamma tal-bijodiversità tal-baħar kif intlaħaq ftehim dwaru f'Rio u kif stipulat mill-MSFD, flimkien mal-azzjonijiet settorjali li ntlaħaq ftehim dwarhom f'Rio, b'mod partikulari s-sajd. Dawn jinkludu l-bżonn li nżidu l-isforzi tagħna biex nilħqu l-mira tal-2015 biex inżommu jew nirrestawraw l-istokkijiet għal-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli[34] fuq bażi urġenti u biex insaħħu l-azzjoni għall-ġestjoni permezz tal-qbid, l-iskartar tal-ħut u impatti oħra negattivi fuq l-ekosistemi mis-sajd, inkluż l-eliminazzjoni ta' prattiki qerrieda tas-sajd.

Barra minn hekk, l-MSFD, bħas-CBD, tgħaqqad il-protezzjoni u l-użu sostenibbli u hija indispensabbli għat-twettiq ta' ekonomika ekoloġika. L-UE, abbażi tal-eżitu ta' Rio+20, se tibqa' issostni "ekonomija blu", li fost l-oħrajn testendi l-prinċipji tal-ekonomija ekoloġika għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar.

7. KONKLUŻJONI

L-MSFD hija direttiva qafas li tippromwovi approċċ ta' ġestjoni integrat u adattiv għall-attivitajiet umani li jaffettwaw l-ambjent tal-baħar. Min-natura stess tagħha, hija strument ta' politika flessibbli biex wieħed ibiddel impenji internazzjonali f'politiki tal-UE għall-ilmijiet tal-UE. Fil-futur, din il-flessibbiltà, inkluż iċ-ċiklu regolari tagħha ta' 6 snin għall-aġġornament ta' strateġiji tal-baħar, se jippermettulha sabiex tadatta għal impenji ġodda, bħal pereżempju, dawk li jinbtu minn Rio+20 u s-segwitu tiegħu.

[34] Mira li ntlaħaq ftehim dwarha fis-Summit Dinji ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2002

Billi l-ambitu ġeografiku tad-Direttiva dwar il-Baħar ma jestendix sal-ibħra miftuħa, mhux l-impenji internazzjonali kollha dwar l-ambjent tal-baħar jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha. F'għadd ta' każijiet oħra strumenti leġislattivi differenti tal-UE huma aktar adattati biex jimplimentaw impenji internazzjonali f'oqsma speċifiċi. Sejba pożittiva huwa fl-fatt li dawn l-istrumenti qed jaħdmu dejjem aktar f'sinerġija mal-mekkaniżmi tal-MSFD u jikkontribwixxu għall-objettivi tagħha.

Id-Direttiva dwar il-Baħar issa dieħla f'fażi kruċjali fl-implimentazzjoni tagħha permezz tal-preparazzjoni tal-valutazzjonijiet inizjali, id-determinazzjoni tal-Istatus Ambjentali Tajjeb u l-istabbiliment ta' miri ambjentali mill-Istati Membri li se jkunu analizzati għall-adegwatezza u l-koerenza mill-Kummissjoni Ewropea. Il-livell ta' ambizzjoni li bih se jiġu implimentati l-ħafna impenji internazzjonali indirizzati mill-MSFD fl-Istati Membri huwa għalhekk marbut b'mod qawwi mal-mod li bih huwa definit l-Istatus Ambjentali Tajjeb u mal-implimentazzjoni sħiħa sussegwenti fuq il-livell nazzjonali tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

F'dan il-kuntest, il-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali se jkomplu jkollhom rwol importanti, u se jkunu involuti mill-qrib fis-segwitu għall-ewwel pass importanti ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Baħar, u b'hekk jiżguraw koerenza aħjar fl-approċċi nazzjonali fir-reġjun tagħhom.